PDF Compressor Pro





Il-Grupp ta' studenti li ggradwa, flimkien mall-Kap tal-Iskola, Dun Noel Saliba u xi għalliema.

# Jum il-Gradwazzjoni

Fl-iskola tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, f'Victoria, studenti tal-ħames sena, iċċelebraw Jum il-Gradwazzjoni.

Ġenituri, għalliema u studenti attendew bi ħġarhom għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika immexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Mario Grech u mill-Kap tal-iskola Dun Noel Saliba. Żewġ studenti, Thomas Bajada u Joshua Caruana, għamlu diskors tal-okkażjoni.



Il-Banda Mnarja waqt il-Kunċert annwali.

# Kunċert Sinfoniku *'Big Band Adventures'*

Is-Soċjeta Filarmonika Mnarja ppreżentat lill-pubbliku Għawdxi, il-Kunċert Mużikali Annwali tagħha fl-okkajzoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju , fid-9 ta' filgħaxija, fi Pjazza Dun Martin Camilleri, Nadur.

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech, il-Banda daqqet ħdax il-biċċa mużikali. L-ewwel parti tal-kunċert kienet tinkludi siltiet klassiċi fosthom: Selezzjoni '*Italienische Operngala*', medley '*Tchaikovsky's Greatest Hits*' u Overture '*Il-Barbiere di Siviglia*'. L-aħħar silta ta' din il-parti l-Banda daqqet Medley '*Mozart Pop Symphony*'.

Ta' kull sena l-Banda Mnarja tinkludi silta mużikali fejn bandist tal-Banda juri l-ħiliet tiegħu fuq l-instrument rispettiv li jdoqq. Din is-sena kien imiss lil Michael Camilleri fuq id-DrumKit li daqq '*Concerto for Drum Set and Band*' flimkien mal-Banda. Din is-silta kienet tinkludi tliet movimenti: *60's Rock & Roll, Jazz Waltz* u *Swing*. Wieħed ta' minn isemmi ukoll li Michael huwa l-ewwel mużiċist Għawdxi li ġab id-Diploma (A.T.C.L.) fuq id-DrumKit.

Wara kien imiss li l-Banda ddoqq silta umoristika bl-isem ta' '*Amboss Polka*' fejn żewġ solisti daqqew fuq żewġ inkwini flimkien mal-Banda.

Fit-tieni parti tal-kunċert rajna lil-kantanta Christine Camilleri (eks-muiċista tal-Banda Mnarja) li kantat '*You Raise Me Up*' u '*Gloria*' akkumpanjata mill-Banda.

Fit-tielet u l-aħħar parti tal-kunċert il-Banda Mnarja daqqet siltiet popolari, *medleys* u mużika pop, li kienu jinkludu '*John Williams in Concert*' u '*Super Hits of the 90's*'. Il-Kunċert ġie fi tmiemu b'Medley '*Selections from Mary Poppins*'.

Matul dan il-kunċert Mons. Salvu Muscat u Charlie Xuereb ġew maħtura bħala Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja.

# Pittura ġdida ta' San Ġwann Evanġelista

Għall-festa ta' San Ġwann Battista li ġiet iċċelebrata firraħal tax-Xewkija, nhar il-Ħadd, 27 ta' Ġunju, dawk kollha li żaru l-Knisja Arċipretali Rotunda, raw b'għajnejhom is-sbuħija ta' kwadru ġdid, li jirrappreżenta lil San Ġwann Evanġelista, tal-pittur magħruf Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Il-kwadru li hu wieħed minn sett ta' erba', fih kważi tliet metri u nofs b'metru u nofs. Ta' kulur monokromatiku, ta' stil kontemporanju, jakkumpanja tajjeb lil-kwadri li hemm kif ukoll lill-Vetrati (stained glass).



*Ritratt lemin: Il-pittur magħruf Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi, fl-istudio tiegħu, fir-Rabat, jirfina l-pittura l-ġdida ta' San Ġwann Evanġelista, ftit jiem qabel il-festa ta' San Ġwann Battista.*

**MINN GĦAWDEX**



**ma' Charles Spiteri**



Mons. Isqof Grech jidher jordna ż-żewġ saċerdoti Għawdxin

# Ordinazzjoni Saċerdotali

L-Eċċellenza tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ordna żewġ qassisin ġodda waqt ċerimonja ta' l-ordinazzjoni fil-Katidral ta' Għawdex. **Noel Debono** mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u **Maximilian Grech** mill-parroċċa ta' Maria Assunta fil-Katidral ta' Għawdex ġew mogħtija s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri fil-preżenza ta' qrabathom, il-Kapitlu tal-Katidral u l-kleru tad-djoċesi ta' Għawdex flimkien ma' għadd ta' parruċċani mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

Kemm Dun Noel kif ukoll Dun Maximilian mistennija jkomplu bl-istudji tagħhom waqt li jaqdu xogħol pastorali fl-Italja.



Iż-żewg sacerdoti, Dun Noel Debono (xellug) u Dun Maximilian Grech, flimkien ma' Mons. Isqof, fuq il-presbiterju tal-Katidral, f'ritratt tal-okkażjoni wara ċ-ċerimonja tal-ordinazzjoni.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti**
**ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta'
**The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***